2 ta' Novembru 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Ferdinando Galea *versus* Angelo Axiaq et.

**Elevazzjoni — Konsenjatarju — Danni.**

*Il-konsenjatarju, bħala depożitarju ġudizzjali tal-ħwejjeġ elevati, għandu, skond il-liġi, juża fil-kustodja tagħhom l-istess diliġenza li juża għall-kustodja tal-ħwejjeġ proprji, u ma jistax jisserva bihom mingħajr il-kunsens, almenu preżunt, tad-deponent; u għalhekk, skond id-duttrina, wisq anqas jista' jikkonsenjahom lil ħadd ieħor u għal raġuni aktar qawwija lill-istess debitu, proprjetarju tagħhom, li f'dak il-każ ikun jista' jiddisponi minnhom.*

*U jekk il-konsenjatarju jħalli f'idejn id-debitur l-oġġetti elevati, il-kreditur jista' jitlob li l-konsenjatarju jiġi kundannat jirtira dawk l-oġġetti minn għand id-debitur biex dan ma jkunx jista' jużahom; u l-konsenjatarju huwa responsabbli tad-danni li l-kreditur jista' isofri mill-fatt li l-konsenjatarju jkun ippermetta lid-debitur jagħmel użu mill-ħwejjeġ elevati.*

**Il-Qorti.** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi **fit-13** ta' **Marzu 1954** huwa ottjena **kontra** **l-konvenut** Peplow l-ispedizzjoni ta' **mandat** ta' **qbid**, li in **forza** tiegħu ġew elevati żewġ vetturi awtomobili, **waħda** tal-**fabbrika** "Vauxhall", li għandha n-numru 13311, **u l-oħra** **tal-fabbrika** "Fiat", li ġġib in-numru **5018**; **u** li **l-konvenut** **Axiaq** ġie **nominat** konsenjatarju ta' l-imsemmija **żewġ** **vetturi**, **u** **qiegħed** **jislef**, jikri, **u** **jħalli** **lill-konvenut** **Peplow** **juża** l-imsemmija vetturi, li b'dan l-użu qegħdin jiddeterjoraw ruħ-

hom, u qiegħed ukoll jiġi f'perikolu li jispiċċa l-valur tagħhom għal kollox bi preġudizzju tal-kreditu tiegħr, għad li l-konvenut Axiaq ġie minnu diffidat bil-protest tat-12 ta' Lulju 1954; talab li jiġi ordnat lill-istess konvenut Axiaq biex jirtira l-imsemmijin żewġ vetturi awtomobili minn għand il-konvenut l-ieħor Peplow fi żmien li jiġi lilu prefiss, u illi l-istess vetturi ma jiġux aktar użati mill-konvenut, taħt il-provvediment tal-kundanna ta' l-istess konvenut għal disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti; u li l-konvenut Axiaq jiġi wkoll dikjarat responsabili tad-danni li setgħu saru fl-imsemmija vetturi bis-self tagħhom li huwa għamel lill-konvenut l-ieħor Peplow, li jiġu likwidati f'din il-kawża jew f'oħra. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest fuq imsemmi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li ssottomettew illi d-domandi attriċi huma insostenibili skond il-liġi. Il-konsenjatarju huwa responsabili lejn il-kreditur ta' kwalunkwe deterjorament jew deprezzament li jistgħu jsofru l-vetturi elevati, ukoll bl-użu normali tagħhom. Inoltre, il-kreditur ma jistax, waqt li l-kawża għadha pendenti, jaggrava aktar minn dak li hu neċessarju l-pożizzjoni tad-debitur biex jissalvagwarda l-interessi tiegħu. Jekk il-kreditur jipprivà lid-debitur — li għadu proprjetarju — mill-possibilità li jeżerċita s-sengħa tiegħu bl-użu normali ta' l-oġġetti elevati, taħt il-garanzija tal-konsenjatarju, ikun qiegħed, fil-pendenza tal-kawża li l-eżitu tagħha għadu "sub judice", jinnegalu l-mezz li jħallas id-dejn tiegħu. It-tieni domanda hija superfluwa u intempestiva;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenuti ma jikkontrastawx il-fatt li l-vetturi awtomobili ġew elevati in eżekuzzjoni tal-mandat fuq riferit, li l-konvenut Axjaq ġie nominat konsenjatarju tagħhom, u li dan ħallihom taħt idejn il-konvenut l-ieħor Peplow, debitur eżekutat, u għad-dispożizzjoni ta' dan, li fil-fatt qiegħed jagħmel użu minnhom;

Illi l-konsenjatarju, bħala depożitarju ġudizzjarju tal-ħwejjeġ elevati, għandu, skond il-liġi, juża fil-kustodja tagħhom l-istess diliġenza li juża għall-kustodja tal-ħwejjeġ proprji, u ma

jistax jisserva bihom mingħajr il-kunsens, almenu preżunt, tad-deponent; u għalhekk, skond id-dottrina, jekk huwa ma jistax jisserva bil-ħwejjeġ, wisq anqas jista' jikkonsenjahom lil ħadd ieħor, u, għal raġuni aktar qawwija, lill-istess debitur proprjetarju, li f'dak il-każ ikun jista' jiddisponi minnhom. Hekk ġie ritenut, mill-Qorti ta' l-Appell Tagħna fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 1899, fil-kawża "Sammut vs. Armeni" (Kollez. Vol. XVII, parti I, paġ. 38);

Illi għaldeqshekk hija fondata l-ewwel talba ta' l-attur; u anki t-tieni waħda għad-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenut Axjaq għad-danni, li għandhom jiġu likwidati f'ġudizzju separat; u hu ċieraq illi l-ispejjeż relativi għal din it-tieni domanda jibqgħu riżervati għas-sentenza li tiġi mogħtija f'dak il-ġudizzju;

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, u tipprefiġġi lill-konvenuti tliet ijiem żmien mil-lum biex il-konvenut Axjaq jieħu taħt idejh, għall-kustodja tagħhom minnu, l-oġġet i elevati fuq riferiti; bl-ispejjeż kontra l-konvenut Axjaq; u tiddikara lill-istess konvenut Axjaq responsabili tad-danni sofferti mill-attur minħabba l-aġir fuq riferit ta' l-istess konvenut Axjaq, liema danni jiġu likwidati f'ġudizzju ieħor; għal liema ġudizzju jibqgħu riżervati l-ispejjeż kollha relativi għal din it-tieni talba ta' l-attur.